MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2102/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Frances Camenzuli sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Frances Camenzuli**

**Vs**

**Etienne Borg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm90.50c (disghin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fit-8 ta' Ottubru, 2001, fil-Mosta, bejn il-vettura bin-numru IBC 268 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru

CAC 278 misjuqa mill-attrici Frances Camenzuli u propjeta' taghha, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mahruga mis-socjeta' attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) 'Excess' imhallsa mill-attrici Frances Camenzuli li kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz, kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u ta' l-ittra ufficjali tal-11 t'April, 2002, u bl-imghaxijiet pagabbli mill-11 t' April, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l- konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------